

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2020 – Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-469/20)**

(2020/C 348/31)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż***Partijiet***Rikorrent:* Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: M. Bulterman, J. Langer u M. de Ree, aġenti)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) final 2998 tat-12 ta' Mejju 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.54537 (2020/NN) – il-Pajjiżi l-Baxxi, Projbizzjoni tal-faħam għall-produzzjoni tal-elettriku fil-Pajjiżi l-Baxxi;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 107(1) TFUE, peress li l-Kummissjoni sostniet li Vattenfall kienet kisbet vantaġġ.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 107(1) TFUE, peress li l-Kummissjoni wettqet tqassim żbaljat tal-oneru tal-prova.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni skont l-Artikolu 296 TFUE peress li l-Kummissjoni naqset milli tagħti motivazzjoni għad-dubju li hija kellha dwar id-dritt għal kumpens kif ukoll milli tistabbilixxi l-ammont ta' kumpens żejjed li Vattenfall kienet irċeviet, kif ukoll minħabba li din id-deċiżjoni hija intrinsikament kontradittorja.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(3) TFUE peress li l-Kummissjoni ddikjarat il-kumpens mogħti lil Vattenfall bħala kompatibbli mas-suq intern mingħajr ma hija kompetenti biex tagħmel hekk.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, peress li l-Kummissjoni naqset milli tistabbilixxi jekk il-kumpens mogħti lil Vattenfall għandux jitqies bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2020 – LG et vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-482/20)**

(2020/C 348/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* LG u ħames rikorrenti oħra (rappreżentanti: A. Sigal u M. Teder, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla, taħt l-Artikolu 263 TFUE, deċiżjoni taċita tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) tas-26 ta' Mejju 2020, li tiċħad it-talba tar-rikorreni għal protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet fir-rigward ta' komunikazzjonijiet bejn ir-rikorreni u l-konsulenti legali esterni tagħhom, sakemm ir-rikorreni ma jispjegaw il-kuntest u l-kontenut ta' tali komunikazzjonijiet kunfidenzjali;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom ir-rikorreni jinvolkaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-dritt tar-rikorreni għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet huwa, għalkemm mhux miktub, dritt fundamentali taħt id-dritt tal-Unjoni, kif rikonoxxut fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-eżerċizzju ta' dan id-dritt ma jistax, qiegħed jiġi sostnut, ikun suġġett għall-kundizzjoni li r-rikorreni juru li l-komunikazzjonijiet kunfidenzjali tagħhom huma sostantivament konnessi mal-investigazzjoni stess li fiha huma kunfidenzjali; dan ikun imur kontra l-għan tal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-dritt tar-rikorreni għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet joriġina separatament mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"KEDB") u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-Karta), b'mod partikolari d-dritt għall-ħajja privata taħt l-Artikolu 8 tal-KEDB (l-Artikolu 7 tal-Karta) u d-drittijiet tad-difiża taħt l-Artikolu 6 tal-KEDB (l-Artikolu 47 tal-Karta). Il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet taħt il-KEDB u taħt il-Karta ma tiddependix, qiegħed jiġi sostnut, fuq l-għan u l-kontenut tal-komunikazzjonijiet rilevanti, iżda biss fuq l-identità tal-parteċipanti tagħhom.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li, anki jekk id-dritt għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet taħt il-KEDB u taħt il-Karta jista' jkun limitat għall-benefiċċju ta' interess pubbliku, tali limitazzjonijiet għandhom ikunu espressi fil-forma ta' liġi. Dawn ma jistgħux, qiegħed jiġi sostnut, ikunu bbażati fuq deċiżjoni diskrezzjonali ta' awtur amministrattiv.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Awwissu 2020 – LP vs Il-Parlament

(Kawża T-519/20)

(2020/C 348/33)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrent: LP (rappreżentanti: J. Bosquet u G. Op de Beeck, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tat-22 ta' Ottubru 2019 li permezz tagħha l-Awtorità tal-Ħatra rrifjutat ir-reklutaġġ tar-rikorrent bħala assistent parlamentari akkreditat (l-ewwel deċiżjoni kkontestata) fil-Parlament Ewropew;
- tannulla d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Mejju 2020 (it-tieni deċiżjoni kkontestata) li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrent skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, fir-rigward tal-ewwel deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.